**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-it Tnejn 11 ta' Diċembru 2017**

**App. Nru. 323/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Victor Spiteri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Victor Spiteri, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 703237M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) F'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta` Mejju 2006 jew f'xi perjodu qabel, bil-ħsieb li jagħmel qliegħ b'qerq għad-dannu ta` CMA-CGM Agencies Worldwide (Malta) Limited f'ammont ta` flus li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu;

(2) Kif ukoll fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskritura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(3) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummerċjali jew ta` bank privat, falza;

(4) Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, minħabba l-kariga jew l-impjieg tiegħu, kien fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, u għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;

(5) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn dikjarazzjoni jew ċertifikat falz.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imsemmi Victor Spiteri għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta` esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Ġunju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 308, 309, 310(1)(a), 18, 183, 184, 185(2) u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, ma sabitx lill-imsemmi Victor Spiteri ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u minnhom illiberatu;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fid-9 ta' Lulju 2013 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u fiċ-ċirkostanzi tipproċedi ai termini tal-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi ssib ħtija fl-appellat fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Avukat Ġenerali huma s-segwenti:

> "Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) jum mix-xahar ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-esponenti ircieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet enuncjazzjoni,

interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi procedurali kif ukoll apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha. Dana qieghed jinghad il-ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-appellat il-ghaliex iddikjarat lix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni Ronald Galea mhux kredibbli u dana minghajr ma semghet lill-istess xhud viva voce hekk kif kull gudikant huwa obbligat li jaghmel ai termini tal-ligi rilevanti;

"Illi ghaldaqstant dan l-umli appell qed jigi interpost ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

"Illi fl-ewwel lok l-appellant jissottometti umilment illi l-fatt li l-Qorti ma semghatx ix-xhieda jew xi whud mix-xhieda viva voce twassal ghal ksur tal-artikolu 646(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan indipendentement minn kwalunkwe verbal li seta sar fil-kors tal-proceduri u bil-qbil tal-partijiet. Dan iktar u iktar jinghad konsiderando li s-sentenza li nghatat kienet ibbazata fuq il-kredibilita` o meno ta' xhieda li ddeponew, u multo magis l-ewwel Qorti ghamlet osservazzjonijiet fis-sentenza taghha li kienu jinkombu fuq ix-xhieda ewlenija f'dan il-kaz u fuq il-kredibilita` taghhom. Ghaldaqstant l-appellant jissottometti li s-sentenza moghtija kienet mankanti ghal kollox minn rekwizit essenzjali u obbligatorju li jincidi fuq is-sustanza tal-proceduri kollha adoperata mill-ewwel Qorti;

"Illi in sostenn ta' dan l-aggravju, l-artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali jistipula:

***646.*** *(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce.*

"Illi lanqas ma jista' jinghad li japplikaw l-eccezzjonijiet ghal din ir-regola li huma regolati ai termini tas-subartikolu (2) ta' din l-istess disposizzjoni jew li b'xi mod is-subartikolu (8) li ssir referenza ghalih f'dan is-subartikolu qed jigi mittiefes jew misapplikat:

*(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:*

*Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (8):*

*(8) Ix-xiehda ta' tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat annessa ma' proċess verbal, jew ta' tabib jew kirurgu dentali bħal dak li jkun ġie mismugħ matul il-kompilazzjoni dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja sew jekk mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, tista' tinġieb bħala prova mingħajr il-ħtieġa li l-imsemmi tabib jew kirurgu dentali jinġieb fil-qorti kif provdut fil-proviso tas-subartikolu (2):*

*iżda, ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jitolbu, jew il-qorti tista' ex officio tordna, li dak ix-xhud jerġa' jiġi eżaminat fil-qorti u viva voce.*

"Kwindi filwaqt li l-Qorti mhijiex obbligata li tisma' kull xhud mill-gdid specjalment jekk ikunu xhieda li sempliciment jikkonfermaw l-awtenticita` ta' dokument jew il-verita` tal-istess, sabiex jigi stabbilit jekk xhud hux kredibbli jew le, id-deposizzjoni trid issir viva voce ad validitatem quddiem il-gudikant li finalment ser jiggudika l-fatti, salv l-eccezzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali. Dan l-ezercizzju huwa essenzjali sabiex il-gudikant ikun jista' jasal ghall-gudizzju xieraq kif mistenni minnu wara li jezamina l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda u mhux sempliciment jaqra traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' dak li jkun li mhux necessarjament tirrispekkja kelma b'kelma dak li jkun qal u li f'ebda mod mhi ser taghti hjiel tal-komportament tax-xhud waqt id-deposizzjonijiet tieghu. Effettivament dan hwua obbligu tal-gudikant li jkun, fid-dawl tal-artikolu 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali li jittrattaw l-kreddibilita` tax-xhud li jkun li semmai ghandha tigi determinata minn min ghandu jiggudika l-fatti u dan '*billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix msahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz'.*

"Illi dan il-principju u din l-interpretazzjoni giet ikristallizzata fis-sentenza Pulizija vs Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fid-9 ta' Settembru, 1999 fejn ex ufficio il-Qorti annullat sentenza ta' Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali peress illi l-gudikant kien sab htija kontra l-appellant minghajr ma qatt sema provi u wara li strahet interament fuq traskrizzjonijiet ta' deposizzjonijiet ta' xhieda (bhal f'dan il-kaz). Effettivament in sostenn ta' dak kollu enuncjat f'dan l-appell din is-sentenza tghid is-segwenti:

*3. Il-Qorti tal-Magistrati <u>bhala qorti ta' prim istanza</u> kienet obbligata li tisma' "fil-qorti u viva voce" (Art. 646(1) tal-Kap. 9) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant -- f'dan il-kaz il-magistrat <u>li jippronunzja s-sentenza</u> -- jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widhejh u jara b'ghajnejh lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)). Pero' r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza <u>ghandu jisma' hu ix-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi</u>. Il-posizzjoni hi differenti meta l-Qorti tal-Magistrati ma tkunx qed tagixxi bhala qorti ta' prim istanza, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi biss jekk hemmx kaz prima facie skond l-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9, jew meta tkun qed*

*tagixxi bhala Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni. Kwantu ghal din il-Qorti, cioe` ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-posizzjoni dwar is-smigh ta' xhieda giet imfissra b'mod car fis-sentenza preliminari tat-23 ta' Lulju, 1999 fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Bartolomeo Micallef u Isabella Micallef****, ghal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni.*

*4. Fil-kaz in dizamina, il-magistrat li ppronunzja s-sentenza* <u>*ma sema' xejn mill-provi*</u>*, izda qaghad esklussivament fuq dak li nstema' minn magistrat iehor u gie traskritt. F'dan il-kaz ma kienx hemm il-problema li xi xhieda lehqu mietu jew hallew Malta jew ma setghux jinsabu, f'liema ipotesi wiehed seta' japplika (anke b'analogija ghal dak li jirrigwarda x-xhieda li nstemghu mill-qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) id-disposizzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646. Fil-kaz in dizamina in-nuqqas tal-magistrat li ppronunzja s-sentenza milli jisma' l-provi viva voce jistultifika ir-rwol ta' din il-Qorti (cioe' tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali) bhala qorti ta' revizjoni: meta f'dan il-kaz kollox jiddependi fuq kwistjoni ta' kredibbilita`, u specjalment fuq il-kredibbilita` tal-istess imputat, din il-Qorti ma tistax tirrevedi l-operat tal-ewwel qorti biex tara jekk l-apprezzament maghmul minn dik il-qorti kienx wiehed ragjonevoli meta taf li l-gudikant fil-prim istanza qaghad biss fuq dak li kellu miktub quddiemu u li sema' haddiehor!*

*5. Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro****, in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita`, sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-*<u>*sustanza*</u> *tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel qorti. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu.*

"Illi fil-kaz mertu ta' dan l-appell, ix-xhieda kollha inkluz dawk li a bazi taghhom inghatat is-sentenza xehdu viva voce quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Magistrat illum Imhallef Jacqueline Padovani u mhux quddiem il-Magistrat Carol Peralta li kien dak li finalment ta s-sentenza suriferita. Dan ifisser li finalment min iggudika l-kaz qatt ma sema l-ebda xhud viva voce, importanti o meno, u ulterjorment, ta sentenza fejn illibera lill-appellat fuq nuqqas ta' provi fid-dawl principalment tal-provi li qatt ma nstemghu quddiemu u senjatament fuq kwistjoni tal-kreddibilita` taghhom. Allura kien hemm l-obbligu legali fuq il-Magistrat Peralta li jisma almenu l-provi essenzjali mill-gdid biex b'hekk ikun f'posizzjoni legali ahjar illi jagixxi ai termini tal-artikolu 637 et seq, fejn l-osservazzjonijiet ta' dawn id-disposizzjonijiet huma essenzjali ghal valutazzjoni tal-provi sabiex persuna tinstab hatja jew altrimenti illiberat mill-akkuzi dedotti fil-konfront taghha u dana bil-ghan ahhari illi tinghata sentenza ekwa u gusta li mhux vvizzjata f'ebda mod. Jerga' jinghad li dan l-obbligu kien jimpingi fuq il-gudikant indipendentement minn kwalunkwe verbal jew qbil li seta' sar bejn il-partijiet li ezentaw lil din il-Qorti milli tisma' dawn il-provi mill-gdid u dan senjatament peress li dan l-obbligu jimpingi biss fuq min ser jiggudika l-kaz, f'dan il-kaz il-Magistrat Peralta u hadd iktar.

"Illi per konsegwenza tas-suespost, meta l-ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet biex taghmel tevalwa l-provi li kellha quddiemha hija ghamlet apprezzament zbaljat tal-istess provi b'tali mod illi l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat lix-xhud principali tal-prosekuzzjoni u cioe` Ronald Galea bhala xhud mhux kredibbli u dana ghaliex fi kliem il-Qorti stess: *'Ronald Galea m'huwiex kredibbli bhala xhud. Jithawwad u jitfixkel fix-xhieda tieghu. Ma jiftakarx jew jghid haga b'ohra. Ma jiftakarx jekk ghaddiex sehmu lill-imputat. Dan ix-xhud ma jistax jitqies bhala kredibbli'.*

"Illi fir-rigward ta' dan it-tieni aggravju tal-esponent li jikkoncerna l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Onorabbli Qorti, l-esponent jirrileva illi ghalkemm huwa minnu dak iddikjarat fis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti illi l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' xhud wiehed u cioe` ta' Ronald Galea, dana ma jfissirx illi l-prosekjuzzjoni ma setghatx tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u dana in vista ta' dak stipulat fl-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali: '*...f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompleta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewgt xhieda jew aktar.'*

"Illi hekk kif gie iddikjarat aktar il-fuq, l-ewwel Onorabbli Qorti (hekk kif preseduta waqt l-ghoti tas-sentenza) illiberat minn kull htija, minghajr ma qatt semghet lil Ronald Galea jiddeponi viva voce hekk kif tirrikjedi l-ligi ai termini tal-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali u dana ghaliex fi kliem l-ewwel Qorti dana x-xhud mhuwiex kredibbli u dana ghaliex fix-xhieda tieghu kien konfuz u hawwad. A dirittura l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat fis-sentenza taghha illi Ronald Galea '*jghid haga b'ohra'*, xi haga li bir-rispett kollu dovut lejn l-ewwel Qorti ma tirrizultax mit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Galea u tant u hekk illi l-istess l-ewwel Onorabbli Qorti ma ordnatx li jittiehdu passi ghal spergur fil-konfront ta' Galea;

"Illi ghalkemm huwa minnu illi hekk kif jirrizulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda relevanti, Galea nesa xi ftit dettalji tal-akkadut dana ma jfissirx illi Galea ma kienx kredibbli u li hawwad fix-xhieda tieghu. Hawnhekk wiehed irid jikkunsidra l-fatt illi lahqu ghaddew numru konsiderevoli ta' snin minn meta graw il-fatti ghal meta Ronald Galea ddepona fil-proceduri fil-konfront tal-appellat. Fil-fatt kienu ghaddew madwar hames (5) snin. Dan il-fattur bir-rispett kollu wiehed ma jistghax jinjorah. Fil-fatt fir-rigward ta' dettalji li dwarhom Galea ma kienx cert hu stess ddikjara dan fuq il-pedana tax-xhieda, xi haga li turi, dejjem fil-fehma tal-esponent kemm Galea kien qed jghid il-verita`.

"Illi meta wiehed jara fid-dettal id-deposizzjoni tal-imputat quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, wiehed ikun jista' jara ukoll il-konsistenza tal-istess xhud mhux biss fit-testimonjanza tieghu izda anke fid-dawl ta' dak li kien qal fl-istqarrija tieghu lill-ispettur Gafa' u dana dejjem b'eccezzjonijiet ta' dettalji zghar li ftit jew wisq jaghmlu differenza ghal mertu fis-sustanza tal-akkuzi dedotti fil-konfront tal-appellat.

"Illi fil-fatt fit-testimonjanza tieghu x-xhud Ronald Galea jispjega kif fuq suggeriment tal-appellat Victor Sptieri stess kien sar ftehim bejn l-qua appellat u

Ronald Galea permezz ta' liema Spiteri kellu johrog invoice ghal xoghol li ma jkunx sar, min-naha tieghu Galea johrog cheque bi hlas ghall-imsemmi invoice u dawn il-flus jinqassmu bejn tnejn u cioe` bejn Galea u Spiteri stess. L-istess Galea jikkonferma bil-gurament illi parti zghira mix-xoghol kwotat fl-invoice falza kien effettivament sar minn kumpanija ohra izda mhux minn Spiteri. Dan il-fatt kien sahansitra ikkollaborat minn xhieda ohra tal-prosekuzzjoni. Illi l-esponent ifakkar ukoll illi meta kien hemm xi fatti illi Ronald Galea ma kienx cert dwarhom ghal xi raguni jew ohra huwa ddikjara dan il-fatt liberament.

"Illi f'dan l-istadju huwa importanti wkoll illi wiehed jiftakar illi Ronald Galea kien gie huwa stess investigat dwar l-involviment tieghu fir-reati addebitati lil Spiteri. Illi mill-ewwel stadji tal-investigazzjoni l-invoices tal-qua appellat Spiteri gew indikati bhala dubbjuzi mill-kwerelant John Portelli. Meta Ronald Galea gie interrogat mill-pulizija huwa kien ikollobora maghhom tant illi kien ta hafna izjed dettalji dwar l-iskema illegali minnu adoperata biex jappropja bla jedd fondi tal-kumpanija fuq imsemmija. Huwa semgha wkoll nies li kienu involuti mieghu f'din l-iskema illegali, fosthom il-qua appellat Victor Sptieri. Huwa kien indika l-invoice il-falza mahruga minn Sptieri. Min-naha tieghu Galea kien ukoll gie mressaq ukoll il-Qorti dwar l-istess akkuzi involuti f'dawn il-proceduri kif ukoll dwar reati ohra. F'dawk il-proceduri huwa kien ammetta l-involviment tieghu. Ghaldaqstant huwa car li Galea ma ghandu l-ebda interess illi jinvolvi lil qua appellat f'dawn ir-reati bla raguni u ingustament.

"Illi ghaldaqstant in vista tas-suespost, fl-umli fehma tal-esponent, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta illiberat lil qua appellat in vista tal-fatt illi fil-fehma taghha x-xhud principali tal-prosekuzzjoni – Ronald Galea – ma kienx kredibbli, konstatazzjoni illi saret mill-ewwel Qorti minghajr ma l-istess Qorti (hekk kif preseduta fl-ghoti tas-sentenza) semghet viva voce t-testimonjanza tal-istess Ronald Galea u dana hekk kif kienet obbligata taghmel ai termini tal-ligi rilevanti kif ukoll il-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti. Illi di piu`, hekk kif spjegat aktar il-fuq, l-esponent huwa tal-fehma illi ma hemm xejn fit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Galea li turi illi Ronald Galea ma kienx xhud kredibbli."

**6.** Dwar l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Ġenerali din il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Debrincat** mogħtija fit-30 ta' Marzu 2012 minn din il-Qorti diversament presjeduta. Għalkemm il-fattispecie f'dak il-każ ma kinux għal kollox l-istess bħal fil-każ odjern – difatti fl-imsemmi każ, il-Maġistrat li ta s-sentenza sema' uħud mix-xhieda – bħal fil-każ ta' Debrincat, l-appellant kien l-Avukat Ġenerali. F'dik is-sentenza ntqal:

**"It-tieni, għall-kuntrarju tas-sentenza li saret referenza għaliha, hawn l-appellant mhux l-imputat iżda lProsekuzzjoni li hija responsabbli mit-tmexxija tal-provi. Hija s-suġġett attiv matul il-proċess. Żgur li l-imputat għandu rwol differenti ħafna minn dik tal-Prosekuzzjoni għax bħala akkużat huwa l-parti li qed 'tirċievi' l-azzjoni u jista' jkun deskritt bħala s-suġġett passiv. Huwa sinifikanti li meta l-bdil ta'ġudikant fi proċeduri kriminali**

**tqajjem fil-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dan sar mill-akkużat u mhux mill-Prosekuzzjoni.**[1]

**"Huwa sinifikanti wkoll li l-Prosekuzzjoni qatt ma talbet li jinstema' xi xhud mill-ġdid u għalhekk hija akkwejixxiet jew qablet li ma kienx hemm għalfejn jerġa' jinstema' kollox mill-ġdid jew li jinstemgħu xi xhieda minn dawk li kienu nstemgħu mill-ewwel Maġistrat. M'hemm ebda verbal li jindika li saret tali talba. U l-Prosekuzzjoni kellha żmien biżżejjed biex tagħmel dan – mill-24 ta' Jannar 2001 sa ma ngħatat is-sentenza jiġifieri sal-14 t'Ottubru 2011.**

**"... jekk il-Prosekuzzjoni riedet li jinstema' kollox mill-ġdid, dan imissha għamlet talba għalih immedjatament jew ftit wara li kien hemm bidla fil-Maġistrat."**

**7.** Fil-każ in eżami, ix-xhieda nstemgħu mill-ewwel maġistrat li ġiet elevata għall-ġudikatura. Meta l-każ ġie assenjat lil maġistrat ieħor, il-prosekuzzjoni ma għamlet l-ebda talba sabiex jerġgħu jinstemgħu x-xhieda. Il-kawża pproċediet billi ġew ippreżentati nota ta' sottomissjonijiet mill-appellat, nota ta' sottomissjonijiet detaljata sew mill-Kummissarju tal-Pulizija u replika ta' l-appellat. Ċertament li kieku l-prosekuzzjoni xtaqet li jerġgħu jinstemgħu x-xhieda, kellha żmien biżżejjed biex tagħmel dan. Minflok hija akkwijexxiet għall-kontinwazzjoni tal-proċeduri minn kif kienu sat-tmiem tagħhom.

**8.** Din il-Qorti sejra tirreferi wkoll għal xi osservazzjonijiet oħra li saru fis-sentenza ta' Debrincat:

**"... mhux l-ewwel darba li Maġistrat li jkun qed jisma' l-kawża jdum tlieta u anke erba' snin jew aktar jisma' l-kawża u wara li jkun sema' xi xhieda jkun assenjat xogħol ieħor, jinħatar imħallef jew jirtira. Dan, bħala regola, iħalli warajh għadd kbir ta' kawżi li jkunu nbdew jew fl-aħħar xhur jew inkella snin qabel. Jekk kull darba jibda kollox mill-ġdid allura jkunu nħlew sigħat twal għalxejn, xhieda jkunu nsew x'ġara, oħrajn jibdlu l-verżjoni tagħhom, u oħrajn ikunu mietu. Ma' dawn wieħed iżid li jista' jkun hemm ukoll xhieda f'rogatorji barra mill-pajjiż li s'intendi ma jkunux instemgħu mill-Maġistrat innifsu.**

**"Ukoll jekk jibqa' l-istess Maġistrat mill-bidu sa l-aħħar dan ma jfissirx li dan il-ġudikant li jkun sema' xhud tlieta jew erba' snin qabel ma jerġax jaqra darba, darbtejn, tlieta <u>jew aktar</u> (enfasi tal-qorti) xi jkun qal xhud żmien twil qabel. Barra dan huwa jkun jista' jqabbel x'qal ix-xhud ma' dawk li jkunu qalu xhieda oħra għax issa jkollu storja waħda quddiemu mill-bidu sal-aħħar u mhux aktar sempliċiment xhieda li nġabret ftit, ftit u li tispiċċa frammentata fil-memorja minħabba t-trapass taż-żmien. Tassew li l-Maġistrat jista' jiftakar lil xhud jixhed fuq il-pedana tax-xhieda speċjalment**

[1] Ara: P.K.versus Finland 37442/97 9th July 2002 fejn il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma sabet ebda vjolazzjoni.

**jekk il-personalita' tax-xhud partikolari tolqtu b'xi mod jew ieħor. Iżda wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li matul tlieta jew erba' snin il-Maġistrat ikun sema' ruxxmata xhieda f'kawżi differenti u mhux bilfors li jiftakar l-imġiba, il-kondotta u l-karattru tax-xhud li jkun ra quddiemu. Pjuttost il-Maġistrat jista' jasal għall-ġudizzju jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa wara qari tajjeb tat-test. It-tħejjija akkademika ta' ġudikant tista' tgħinu sew biex jagħraf dak li hu attendibbli minn dak li mhux - waqt li jkun fil-kwiet tal-istudju tiegħu u mingħajr distrazzjonijiet."**

**9.** Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix ukoll għat-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti fejn l-abbli prosekutur stess (li mhux l-istess li rrediġiet ir-rikors t'appell) ma nsistiex fuq l-ewwel aggravju.

**10.** Għalhekk l-ewwel aggravju hu miċħud.

**11.** It-tieni aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**12.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Illi l-provi jitkellmu wahedhom. L-uniku xhud li seta` kien validu kien Ronald Galea li, hu nnifsu kien gie processat ghall-frodi u falsifikazzjoni ghad-deteriment tas-socjeta` CMA-CGM u li kien ammetta din l-akkuza. Huwa kien ikkomprometta lill-imputat fis-sens li huwa kien qal lill-awtoritajiet investigattivi li, bi ftehim, ma' Victor Spiteri, huwa kien hareg ghan-nom tal-istess Victor Spiteri, invoice ta' hdax-il elf Lira Maltija u erba` mija u erbghin (LM11,440) ta` xoghol, illi, fil-fatt ma kienx sar mill-imputat waqt li r-rikavat ta' din it-truffa kellha tinqasam f'zewg partijiet ugwali bejnu u bejn l-imputat. Infatti jirrizulta li:

"1. Ronald Galea m'huwiex kredibbli bhala xhud. Jithawwad u jitfixkel fix-xhieda tieghu. Ma jiftakarx jew jghid haga b'ohra. Ma jiftakarx jekk ghaddiex sehmu lill-imputat. Dan ix-xhud ma jistax jitqies bhala kredibbli.

"2. Romwald Attard tal-BOV illi jixhed illi l-ammont kollu ta' hdax-il elf Lira Maltin u erba` mija (LM11,400) kien gie versat fil-kont tas-Sundream Ltd minn Ronald Galea. Kwindi, hawn hija l-prova li l-imputat qatt ma rcieva s-suppost sehem tieghu illi marret bhala part payment tal-Barasia 29 mixtrija minn Ronald Galea.

"3. John Portelli li jammetti li agixxa biss fuq suspett stante li, fil-2006, ma kienx impjegat mis-socjeta` kwerelanti, suspett m'huwiex prova u, in prova ta' dan, jirrizulta oltre kull dubju, li s-socjeta` kwerelanti kellha thallas lill-imputat l-

import tal-invoice tal-5 ta' Mejju 2006 u skuzat ruhha, bil-miktub, ta' kull inkonvenjent illi setghet ikkawzat lill-imputat.

"Josph Agius u Joseph Buhagiar illi t-tnejn xehdu li l-imputat kien l-uniku persuna li kien licenzjat sabiex jaghmel xoghol alongside ta' trasbord mill-vapur sal-Yard u illi, jekk sar b'xoghol iehor anke in konnessjoni tal-istess vapur, dan seta' sar minn operaturi ohra izda mill-Yard l'hemm.

"Mark Pace illi xehed illi, ghan-nom tas-CMA-CGM huwa ta' sikwit kien jiffirma cheques in bjank u Nikol Chetcuti li jixhed illi wiehed minn dawn ic-cheques fl-ammont ta` hdax-il elf Lira Maltin u erba` mija (LM11,400) spicca ghandu bhala part payment ghall-pleasure boat ordnata specifikament minn Ronald Galea. Ergo, konferma tal-prova li Victor Spiteri qatt ma inghata s-suppost sehem tieghu tal-invoice allegatament falza tieghu liema invoice, fil-provi ta` dawn il-proceduri, spiccat tithallas mis-socjeta` kwerelanti."

**13.** Issa, mix-xiehda ta' l-Ispettur Angelo Gafa` jirriżulta li dawn il-proċeduri ġew inizjati wara li ċertu John Portelli fil-kapaċita` tiegħu ta' rappreżentant legali tal-Malta Freeport Terminals irrapporta li seta' kien hem approprjazzjoni indebita u frodi da parti ta' ċertu Ronald Galea li kien jaħdem bħala General Manager ma' dik il-kumpanija. Portelli ssenjala tliet invoices partikolari li allegatament inħarġu għal xogħol li ma kienx sar. Fost dawn l-invoices kien hemm wieħed maħruġ mill-appellat. Fix-xiehda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti Ronald Galea qal li kien hemm vapur bil-containers maqlubin u kien tqabbad l-appellat biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ, u meta kien kważi lest ix-xogħol, skond dan Ronald Galea l-appellat kien qallu biex "isir invoice ta' xogħol li ma sarx u fil-każ jinqasmu l-flus". Ġew ippreżentati żewġ invoices li, skond Galea, ifformulahom hu stess (jiġifieri Galea), l-ewwel wieħed korrett u t-tieni fittizju. Din il-Qorti sejra issa tiċċita brani mix-xiehda ta' Ronald Galea dwar dak li suppost seħħ dwar il-pagament tat-tieni invoice:

"Pros: X'ġara biċ-cheque [li ħareġ mill-kumpanija CMA CGM]?
"Xhud: Iċ-cheque kont tajtu lil Victor.
"Pros: Ftakar sew fuq iċ-cheque x'kien ġara.
"Xhud: Jien jidhirli li kont tajtu lil Victor u Victor kien tani parti minnu.
"Pros: Ftakar sew fuq iċ-cheque.
"Qorti: Min mar isarraf? Min mar isarrfu dan iċ-cheque?
"Xhud: Le dan iċ-cheque jidhirli li kont mort insarrfu jiena u kont tajt il-flus lil Victor.
"Pros: Ċert li tajthomlu ftakar ftit. Ftakar ftit tajthomlux jew jekk tajthomlui għidilna fejn tajthomlu issa.
"Xhud: Jiena jidhirli li ċ-cheque kont tajtulu.
"Pros: Inti għadek kemm għidt li kont sarraftu.
"Xhud: Eħe sarraftu u jidhirli li kont tajtu l-flus tiegħu u kien tani parti mill-flus.

“Pros: Tgħidina fejn kont sinjur. Ftakar sew hawn hekk qiegħed bil-ġurament.

“Xhud: Eħe milli niftakar qiegħed ngħidlek.

“Pros: Ara inti għaddejt proċeduri tajjeb. L-ewwelnett fl-investigazzjoni rriżulta xi ħaġa dwar dgħajsa. Tispjega lill-Maġistrat x’irriżulta fl-investigazzjoni u li ħaġa li ammettejt għaliha wkoll dwar id-dgħajsa x’kienet, ħalli niġu għal dak iċ-cheque ta.

“Xhud: Eħe parti minn dawk il-flus kont użajthom biex xitarjt dgħajsa.

“Pros: Issa ftakar issa dwar iċ-cheque in kwistjoni....

“Pros: ... Tiftakar fil-fatt x’għamilt biċ-cheque in kwistjoni relatat ma’ din id-dgħajsa?

“Xhud: Biċ-cheque eħe ħallast parti mill-pagament tad-dgħajsa bih.

“Qorti: Jiġifieri endorsjajt dan iċ-cheque lil tal-boat, lill-owner tal-boat?

“Xhud: Eżatt eħe.

“Pros: Tiftakar mingħand min xtrajt?

“Xhud: Mecca Enterprises.

“Pros: Allura fil-fatt iċ-cheque in kwistjoni li ħareġ kontra dik l-invoice x’ġara minnu?

“Xhud: Eħe dan iċ-cheque kien mar għand Mecca Enterprises.

“Pros: Allura lil Victor Spiteri x’ġara bil-flus, bin-nofs li kont ftehmt li tagħtih, tajtu fil-fatt xi ħaġa minnhom?

“Xhud: Sur Gafa` emminni nsejthom id-dettalji.”

**14.** Il-Qorti ċċitat *in extenso* mix-xiehda ta’ Ronald Galea peress illi proprju f’din il-parti tax-xiehda fejn suppost qiegħed jirrakkonta d-dettalji ta’ dak li allegatament seħħ bejnu u l-appellat, jagħti verżjonijiet konfliġġenti u jasal biex finalment jgħid li ċ-ċekk li nħareġ a bażi tat-tieni invoice huwa użah biex iħallas parti mill-kont ta’ *pleasure boat* li kien xtara għall-użu tiegħu personali, u dan prattikament b’sensiela ta’ *prompting*. Huwa minnu li Ronald Galea kien qiegħed jixhed ftit anqas minn ħames snin mill-allegati fatti, iżda meta mbagħad din il-Qorti tara li Galea stess jgħid li dan kien l-ewwel invoice fittizju li sar, tqisha ħaġa stramba kif ma ftakarx id-dettalji ta’ kif allegatament ġraw l-affarijiet. Fil-fatt huwa proprju għalhekk li l-ewwel Qorti kkunsidratu bħala xhud mhux kredibbli.

**15.** Da parti ta’ l-appellat, huwa ċaħad li t-tieni invoice jikkontjeni xi xogħol li huwa ma wettaqx, ċaħad li kien Ronald Galea li fformula l-invoices u qal li kien xi ħadd mill-uffiċċju tiegħu. Fil-fatt jirriżulta mill-atti u anke mix-xiehda tiegħu li huwa kien inizja proċeduri ċivili għall-ħlas tat-tieni invoice u sar ftehim bejn il-partijiet konċernati skond l-iskrittura li tinsab esebita a fol. 55 – 56 tal-proċess u sar il-paganment opportun kif jidher mill-kopja taċ-ċekk esebita a fol. 57 tal-proċess. Jekk ma kien hemm xejn dovut lill-appellat fuq it-tieni invoice, il-*parte civile* kienet sejra taċċetta li tagħmel pagament sostanzjali bħalma għamlet?

**16.** Din il-Qorti eżaminat kemm l-invoices maħruġin mill-appellat (a fol. 35 u 36) kif ukoll id-dettalji ta' xogħol imwettaq mis-soċjeta` Carmelo Caruana Freeport Operations Ltd. (a fol. 40 – 42). Jidher ċar li x-xogħol li sar mill-appellat m'għandu x'jaqsam xejn max-xogħol li sar minn Carmelo Caruana. Fil-fatt, anke kif spjega John Portelli li kien jaħdem mal-Malta Freeport Terminal Ltd., ix-xogħol tal-foreman huwa li qisu l-manager tal-ħaddiema tax-xatt. Xogħol l-appellat fil-fatt hu dak ta' foreman. Huwa jinkariga lin-nies biex iħottu l-merkanzija u dawn iniżżluh fl-area tal-Freeport, inkluż fejn hu magħruf bħala l-Yard. F'dan il-każ jidher li hekk sar, imbagħad ix-xogħol ta' użin, cross-stuffing, re-packing u trasport għall-warehouses ta' Carmelo Caruana kien responsabbli għalih Carmelo Caruana. Issir referenza f'dar-rigward għax-xiehda ta' Joseph Agius a fol. 243 *et seq.* tal-proċess.

**17.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tiddeċiedi kif iddeċidiet, u cioe` billi tiddikjara lill-appellat mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

**18.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.